# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 9 3

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2548/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Pauline Vassallo li b'digriet tat-3 t'Ottubru 2007 giet nominate kuratrici halli tirrapprezenta lil James Vassallo**

**vs**

**The Eden Foundation, u The Eden Co-Operative Society Limited, u b'Digriet tad-9 ta' Dicembru 2008 l-atti kwantu huma diretti kontra The Eden Co-Operative Society Ltd gew trasfuzi fuq is-Sur Michael Debono bhala Stralcjarju tal-istess The Eden Co-Operative Society Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta u diskriminazzjoni**

Illum 19 ta' Mejju 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'Dikjarazzjoni ta' Pauline Vassallo nomine fir-Registru tal-Qorti fis-7 ta' Novembru 2007 tramite l-avukat Dottor Ivan Sammut. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba diversi ragunijiet fosthom li kellu jinghata digriet fuq kompetenza, kellha tinghata sentenza parzjali fuq il-legittimu kontradittur, oltre li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrent nomine tghid li James Vassallo kien impjegat "part-time" ma' 'The Eden Co-Operative Society Limited' bhala Part-Time Production Assistant u kien ilu f' dak l-impieg aktar minn disa' snin. Imbaghad fit-12 ta' Lulju 2007 kitbulu biex jinfurmawh li l-ko-operattiva kienet ser tigi likwidata u li l-impieg tieghu kien ser jigi terminat b'effett mill-20 ta' Settembru 2007. Gie a konoxxenza tar-rikorrenti li l-azzjonista ewlenija tal-kooperattiva intimata, u cioe` l-Eden Foundation kienet ser tibqa' zzomm numru ta' haddiema hi, pero` mhux minn fost dawk li jbaghtu b'dizabilta'. Ir-rikorrenti nomine tqis dan l-agir bhala illegali u diskriminatorju fil-konfront taghha u jikser kemm l-Artikolu 15(5) tal-Att Dwar l-Impieg ta' Persuni b'Dizabilta' (Kap 210 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistabbilixxi li principal ma jistax iwaqqaf mill-impieg persuna b'dizabbilta' jekk in-numru ta' persuni registrati fl-impieg taghha jkun anqas mil-kwota stabbilita ta' persuni b'dizabilta' li ghandha timpjega, kif ukoll il-provvedimenti ta' l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabbilta') (Kap 413 tal-Lijgijet ta' Malta), kif ukoll tar-Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impieg – Avviz Legali 461 tal-2004 kif emendat.

Tghid li The Eden Foundation u The Eden Co-Operative Society Limited gew interpellati ai termini ta' Regolament numru 9 Tar-Regolamenti Dwar Trattament Ugawali fl-Impieg 2004, Avviz Legali 461 tal-2004 sabiex tigi revokata d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg sabiex l-impieg jitkompla, izda ma kienx hemm risposta fit-terminu ta' ghaxart ijiem stabbilit mill-Ligi, b'dan li t-Tribunal Industrijali jista' jinferixxi minn dan in-nuqqas li z-zewg intimati ghamlu att illegali; u ghalhekk intalab li jigi dikjarat li d-decizjoni ta' terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent hija nulla u bla effett billi:-

(1) tikser l-Artikolu 15(5) ta' l-Att Dwar l-impieg ta' Persuni b'Dizabbilta', (Kap 210);

(2) tikser il-Provvedimenti tal-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabbilta') (Kap413);

(3) tikser il-provvedimenti tar-Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impieg, 2004, Avviz Legali numru 461 tal-2004;

u konsegwentement dan it-Tribunal ghandu:-

(a) Jiddikjara li t-tkeccija tar-Rikorrenti mill-impieg hija infondata, abbuziva, illegali u minbghjar ebda raguni valida u sufficjenti fil-ligi;

(b) Jordna li l-esponenti jinzamm fl-impieg minn The Eden Foundation skond kif titlob il-ligi;

(c) Jiddikjara lill-intimati The Eden Foundation u The Eden Co-Operative Societay Limited responsabbli ghall-kumpens u ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

(d) Jigi likwidat il-kumpens;

(e) Jikkundanna lill-intimati The Eden Foundation u The Eden Co-Operative Society Limited ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens kollu u danni hekk likwidati; u dan minbarra kull rimedju iehor li t-Tribunal joghgbu jaghti.

B'Dikjarazzjoni tal-kaz tat-28 ta' Jannar 2008 L-Eden Foundation u The Eden Co-Operative Society irrispondew konguntivament fis-sens li The Eden Co-Operative Society Limited kienet fi stat ta' likwidazzjoni stante li kien hemm aktar dejn milli assi posittivi u l-likwidatur huwa Michael Debono li gie appuntat mill-Bord tal-Kooperattivi u li ghalhekk huwa l-likwidatur li ghandu t-tmexxija tal-istess kumpanija. Jinghad li din il-kumpanija ma tezistix aktar ghaliex hija fi stat ta' stralc. Jinghad li James Vassallo kien impjegat ma' The Eden Co-Operative Society u mhux mal-Eden Foundation li hija entita' distinta' u separata, u gie michud li The Eden Foundation hija l-azzjonista ewlenija ta' The Eden Co-Operative Society Limited, imma huma tmin individwi li kellhom jigu indikati waqt is-smiegh tal-kaz. Jinghad li ebda wahda mill-intimati ma kienet hatja ta' ebda agir illegali jew diskriminatorju kontra James Vassallo, u kienet the Eden Co-Operative Society Limited li kellha tittermina l-impieg tar-rikorrent minhabba l-istat finanzjarju hazin taghha, tant li kellha tmur ghall-istralc. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghadhom jigu michuda.

In kwantu l-atti kontra The Eden Co-Operative Society Limited gew trasfuzi fuq is-Sur Michael Debono bhala Stralcjarju tal-istess kooperattiva, huwa gie notifikat bl-atti u dahhal id-dikjarazzjoni tieghu fis-sens li:

1. Jinghad li The Eden Co-Operative Society Limited hija koperattiva debitament registrata skond il-ligi u ghandha prsonalita' guridika separata u distinta' , inkluz minn The Eden Foundation;

2. Jinghad li l-ghan li ghalih giet kostitwita The Eden Co-Operative Society Limited kien biex persuni b'dizabbilta' possibbilment jigu integrati fid-dinja tax-xoghol;

3. Jinghad li dawk il-perusni b'dizabbilta` kienu jithallsu direttament min The Eden Co-Operative Socjiety Limited b'paga fissa fil-gimgha ghal xoghol li huma kienu effettivament qed iwettquh bhala outworkers ghal organizzazzjonijiet ohra, liema organizzazzjonijiet kienu qed ihallsu skond il-volum ta' xoghol li jigi effiettivament prodott, il-koperattiva ma kinitx kummercjalment fattibli, u tant intilfu flus li l-koperattiva kienet kostretta twaqqaf l-impieg ta' dawn il-persuni, u kellha tigi likwidata;

4. Jinghad li Michael Debono gie nominat stralcjarju ta' The Eden Co-Operavie Society Limited mill-Bord tal-Koperattivi fil-5 t'Ottubru 2007, u dan skond l-Att XXX tal-2001 Dwar l-Ghaqdiet Koperattivi;

5. Jinghad li The Eden Co-Operative Society Limited ghandha izjed djun milli assi u ghalhekk kellha tigi likwidata, u dan ghaliex baqghet taghti l-paga lil-"impjegati" taghha bhal ma kien James Vassallo, meta dan ma kienx finanzjarjament u kummercjalment fattibbli, sa ma kellha titterminalhom l-impieg;

6. Inghad li The Eden Co-Operative Society Limited ma wettqet ebda diskriminazzjoni jew ingustizzja ma' James Vassallo kwantu li gie terminat l-impieg tal-impjegati l-ohra kollha bhalu u li kienu jahdmu bhala outworkers bhalu fl-istess grupp;

7. Jinghad li ghalhekk dawn il-proceduri huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

<u>PRELIMINARI</u>

Fil-bidu tas-smiegh tal-kaz ir-rikorrenti talab li s-smiegh ta' dan il-kaz jigi sospiz peress li hemm kawza civili konnessa mal-istess lanjanzi tar-rikorrent,

liema kawza hija r-Rikors Guramentat numru 1173/07. Waqt li dan il-punt ma kienx ghadu gie deciz, ic-Chairman tat-Tribunal Industrijali s-sur Harold Walls irrikuza ruhu u astjena milli jkompli jisma' dan il-kaz.

B'Digriet tat-18 ta' Novembru 2008 gie deciz li l-ilment skond l-Ewwel Talba tar-Rikorrent numerata **(1)** dwar ksur tal-Att Dwar Impieg ta' Persuni b'Dizabbilta' (**Kapitolu 210 tal-Ligijiet ta' Malta**) ma jaqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal Industrijali stante li meta tinkiser xi dispozizzjoni minnu, l-Artikolu 29 tal-istess Att jipprovdi rimedju li jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti kriminali, u ghalhekk ma jaqax fil-mansjoni ta' dan it-Tribunal; gie deciz li anke t-Tieni Talba numerata **(2)** dwar il-ksur ta' l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilta`) (**Kapitolu 413 tal-Ligijiet ta' Malta**) dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza kwantu tali ilment kellu jitressaq quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilta`. Pero` bl-istess digriet gie deciz ukoll li t-Tielet Talba numerata **(3)** dwar ksur tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impieg ta' l-2004 (**Avviz Legali 461 tal-2004**) il-kaz ingieb korrettement quddiem dan it-Tribunal Industrijali bis-sahha ta' Regolament 10(1) li jaghtih id-debita kompetenza, fil-waqt li bis-sahha ta' Regolament 10(2) hemm radikata ukoll kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni civili.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 gie enfasizzat mill-intimati li fir-risposta kongunta kien hemm indikat li The Eden Foundation mhix legittima kontradittrici u li kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Wara li ingiebu l-provi relattivi, b'Decizjoni parzjali tas-26 ta' Mejju 2009 gie deciz li ghall-iskopijiet tar-Regolamenti 461 tal-2004 (**Legislazzjoni Sussidjarja 452.95**) li dwarhom baqa' jinstema l-kaz, persuna jew entita` li tkun f'pozizzjoni li taghti access ghal impieg, ossia timpjega haddiema, titqies bhala "principal" allavolja min qed jilmenta jkun ghadu ma dahalx fil-kotba ta' l-impjegati ta' dak jew dik il-"principal"; u allura ghall-iskopijiet ta' tficcija ta' rimedju taht dawn l-istess Regolamenti promulgati bl-Avviz Legali 461 ta' l-2004, ir-rikorrenti kienet korretta meta intimat ukoll lil The Eden Foundation.

IL-PROVI MIGJUBA

Fl-ewwel fazi ta' dan il-kaz ingiebu hafna provi, inkluzi atti minn mandat quddiem il-Qorti Civili, in rigward tal-eccezzjonijiet preliminari li sussegwentement gew decizi kif jinghad hawn fuq, pero` intqalu fatti li jolqtu l-mertu tal-kaz. **Philip Rizzo** spjega kif il-koperattiva kienet timpjega nies b'dizabbilta' li ma jkunux jistghu isibu min jimpjegahom, u taghtihom xoghol ma' kumpaniji ohra li imbaghad ihallsuhom tax-xoghol li jkun sar. Jghid li fi zmien qasir il-koperattiva tellghet dejn ta' mitt elf Lira (Lm100,000). Jghid li t-tifla tieghu stess ukoll kienet f'din is-sitwazzjoni, anzi kellha problemi b'ghajnejha u kellha tieqaf minn kull xoghol. Jghid li kienu gew impjegati xi hames jew sitt ghalliema mal-koperattiva biex jghinu lill-persuni b'dizabbita', izda imbaghad inqalghu il-problemi finanzjarji.

Quddiem il-Qorti **Michael Debono** indika li l-azzjonisti tal-koperattiva kienu Dr Josie Muscat, Rev. Charles Abela, Mr Anthony Agius, Mr Joseph Paris, Mr Dennis Zammit Cutajar, Mr Paul Bonello u Mr Ronald Galea (folio 68-69). Huwa pprezenta wkoll lista tal-haddiema kollha tal-koperattiva (folio70-71) qabel ma bdew jigu terminati l-impiegi. **Manwel Zahra**, manager tal-Bord tal-Koperattivi ipprezenta ittra mill-koperattiva intimata tal-21 t'Awwissu 2007 (folio 91) li tghid li l-koperattiva kienet ser tigi likwidata "due to the changes in the Eden Foundation services structure."

Quddiem dan it-Tribunal **Dr Josie Muscat** xhed li huwa kien *founder member* u bis-sahha tal-koperattiva numru ta' persuni b'dizabbilta' bdew jigu mghejjuna isibu impieg. Maz-zmien irrizulta li dawn il-persuni setghu jitqieghedu fi tliet kategoriji: dawk li kellhom bzonn ghajnuna fuq ix-xoghol ftit fil-bidu biss imbaghad ikunu kapaci jkomplu wahdehom, dawk li kien ikollhom bzonn ghajnuna aktar fit-tul fuq il-post tax-xoghol u kien jithallielhom maghhom 'job-coach'. Ohrajn kien jinstab li ma kienux ikunu jistghu jaqbdu r-ritmu tax-xoghol, jinghataw kemm jinghataw ghajnuna. Jghid li fil-bidu t-tahrig kien jinghata mill-Eden Foundation, kif anke inghata lil James Vassallo, imbaghad fl-2003 giet imwaqqfa l-koperattiva u James Vassallo gie impjegat maghha.

Jghid li wara xi snin min kien jiehu hsieb ilaqqa' l-membri ma baqax jibghat ghalihom u xi membri bdew ihossuhom li inqalghu 'il barra mit-tmexxija tal-koperattiva. Anke hu hass dan u fl-2007 irrezenja minn president. Jghid li ghalhekk mhijiex veritiera l-ittra tal-21 t'Awwissu 2007 li tghid li l-Eden Co-Operative Management Board iddecieda li tigi likwidata l-koperattiva, ghax l-anqas biss iltaqa' l-Bord.

Dan ix-xhud jispjega li l-koperattiva intimata ma kinitx intiza li taghmel profitt, imma biex thallas kienet iggib il-flus kemm mis-sussidju tal-ETC (ghat-tahrig), kemm minn dak li kienu jhallsu l-genituri, kemm mill-kumpaniji li kienu jhaddmu lil dawn il-persuni maghhom, u l-kumplament minn fondi li tiggenera l-Eden Foundation. Jghid li l-koperattiva kellha dawk is-sorsi bhala qliegh, imma fejn ma kinitx tasal hi imbghad issostniha l-Eden Foundation. Jghid li ghall-bidu dan kien qed jigi meqjuz bhala dejn tal-koperattiva favur il-Fondazzjoni, pero` imbaghad kien gie deciz mill-Board of Trustees li d-dejn tal-koperattiva mal-Fondazzjoni jibda jinhafer gradwalment. Jghid li anke kienet saret minuta f'xi laqgha dwar dan.

Jghid li l-Eden Foundation gieli impjegat persuni b'dizabbilta, bhal ma kienet darba impjegat persuna f'wheelchair li kienet giet impjegata bhala receptionist.

Is-Sur **Michael Debono**, l-istralcjarju tal-koperattiva intimata, xhed mill-gdid quddiem dan it-Tribunal. Huwa spjega li l-lista tal-haddiema tal-koperattiva a folio 70 tindika "Date of Termination" tal-individwu minn mal-koperattiva, mentri bhala "Current Status" hemm indikat jekk l-individwu baqax bla xoghol jew regax inghata impieg. Huwa jghid li ghalkemm dak id-dokument kkompilatu certa Giovanna Mirable tal-Accounts, sa fejn jaf hu dawk li huma indikati bhala "Employed" fil-fatt gew impjegati mill-gdid mill-Eden Foundation. Jghid li huwa dahal stralcjarju f'Ottubru 2007, beda jigbor l-informazzjoni f'Novembru sussegwenti, u aktarx li dak id-dokument gabru dak iz-zmien. Huwa jispjega li l-persuni b'dizabbilta` qeghdin in-naha t'isfel tad-dokument u indikati bhala "ex-clients". Dan ix-xhud jghid li huwa ma kellux dettalji dwar dawk l-ex-clients li huma indikati bhal 'employed' ma' min gew impjegati.

**Philip Rizzo**, li f'dan il-kaz kien qed jidher ghas-seduti in rapprezentanza tal-Eden Founation, bhala segretarju tal-Bord tal-istess Fondazzjoni, intalab jixhed x'jaf dwar dawn l-'ex-clients' li kienu gew impjegati mill-gdid. Huwa jghid li ma kellux idea min kien qed jahdem mal-Eden Foundation ghaliex hu kien biss *helper*. Jghid li fl-ahhar ta' Dicembru 2008 anke l-Eden Foundation waqfet topera u amalgamat ruħha mal-Fondazzjoni Inspire. Jghid li anqas l-Eden Foundation ma kellha assi imma djun biss, pero` l-premises tal-Gvern li kellha bdiet tuzahom l-Inspire Foundation. Jghid li huwa gie appuntat tezorier ta' din il-fondazzjoni Inspire, b'sehh mill-1 ta' Jannar 2009. Il-kumitat inizjali kien maghmul minn Lino Spiteri, Janet Stubbs, Paul Stoner, Nathan Farrugi, Joe Grioli, Dennis Zammit Cutajar, Rita Micallef, Liduina Schembri Wismayer u hu, Philip Rizzo.
Meta rega' xhed aktar tard, huwa esebixxa l-kuntratt li bih f' Dicembru 2008 l-Eden Foundation u r-Razzett tal-Hbiberija ghaqqdu l-forzi taghhom biex iffurmaw il-Fondazzjoni bl-isem The Eden and Razzett Foundation. Igifieri l-membri ta' din il-Fondazzjoni huma l-Eden Foundation u l-Fondazzjoni Razzett tal-Hbiberija, mentri l-Board of Trustees taghha huwa maghmul minn membri miz-zewg Fondazzjonijiet.
Jispjega li meta l-fondazzjoni Eden Co-Operative kellha wisq dejn, gie deciz li din tigi xolta, u biex kemm jista' jkun il-haddiema taghha jibqghu fl-impieg, giet inkarigata Claire Ebejer biex tevalwa minn seta' jibqa' fl-impieg. Din iffurmat tim li kien jinkludi lil Allison Scicluna.
Aktar tard rega' xhed dwar il-qaghda finanzjarja tal-Eden Foundation u tal-koperattiva, u jghid li dawn kienu dejjem jithabtu biex ihallsu d-djun, bl-akbar dejn ikun mad-Dipartiment tat-Taxxi. Pero' finalment saret fund-raising qawwija u d-dejn kollu thallas tat-tnejn li huma.

**Dennis Zammit Cutajar** spjega li huwa kien wiehed mill-membri fundaturi tal-Eden Foundation fl-1992, u baqa' membru ghax minkejja li twaqqfet il-fondazzjoni Inspire, l-Eden Foundation baqghet tezisti. Jghid li huwa kien imbaghad l-ewwel membru tal-Eden Co-Operative Society Limited u kien anke president taghha, pero' ma baqax wara l-2007. Jghid li sussegwentement l-

Eden Foundation amalgamat il-forzi taghha mal-Fondazzjoni Razzett tal-Hbiberija biex twaqqfet l-Inspire, u huwa qieghed fuq il-Board of Trustees ta' din il-fondazzjoni Inspire. Jikkonferma li allura t-tliet entitajiet ghadhom jezistu. Pero` l-Eden Foundation ma baqghetx topera mentri l-operazzjonijiet li kienet tesegwixxi dik il-fondazzjoni issa qed jitwettqu mill-Inspire.

**Maria Regina Debono Caruana** xhedet li minn April 2009 hija saret Human Resources Manager tal-Inspire Foundation. Tghid li l-Inspire ghandha mal-mitejn haddiem, hafna minnhom part-timers.

Meta regghet xhedet fit-12 ta' Jannar 2010, hija esebiet lista (folio 275-276) tal-impjegati kollha li kellha l-Eden Co-Operative Society qabel ma din waqfet topera, sia l-ghalliema jew tal-amministrazzjoni kif ukoll il-persuni b'disabbilta'. Dan id-dokument simili ghal dak a folio 70-71 jindika ukoll liema haddiema gew trasferiti ghal ma' l-Eden Foundation, u fosthom hemm is-segwenti "ex-klienti":- Josette Debarro, Joseph Zarb, Vanessa Callus, Umberto Latina, Natasha Bianchi, Roderick Fenech, Noyleen Zammit, Brian Gauci, Joanna Attard, Lisa Hannah, Antoine Pace, Daniela Agius, MaryGrace Gatt u Raymond Camilleri. Dawn kollha gew impjegati mill-Eden Foundation b'effett mill-1 ta' Ottubru 2007. Gew esebiti kuntratt ta' ghalliema li originarjament kienu impjegati mal-koperattiva, u li sussegwentement gew trasferiti ghal ma' l-Eden Foundation. Gew esebiti l-kuntratti moghtija mill-Eden Co-Operative Society qabel l-2007[1], u kuntratti simili moghtija mill-Eden Foundation fl-1 t'Ottubru 2007 lill-imsemmija Daniela Agius, Raymond Camilleri, MaryGrace Gatt, Roderick Fenech (folio 428), Lisa Hennah, Natasha Bianchi, Umberto Latina, Brian Gauci, Noyleen Zammit, Antoine Pace, Josette Debarro, Vanessa Callus, u Joanna Attard. Gew esebiti wkoll kuntratti moghtija mill-Eden Foundation fl-2008 lil klient li gia' kien mal-koperattiva[2] kif ukoll lil klienti godda[3].

---

[1] Vanessa Callus (2006), Roderick Fenech (2002), Josette Debarro (2005), Natasha Bianchi (2006), Umberto Latina (2006), Lisa Hennah (2006), Brian Gauci (2005), Noyleen Zammit (2006), Antoine Pace (2006).

[2] Joseph Zarb

[3] Efrem Avallone, Ismelia Grech, Johann Cilia, Marika Rodgers, u Lisa Manduca

**Allison Scicluna** xhedet li hija kienet giet impjegata mill-koperattiva bhala 'tutor' sa minn Gunju 2006, imbaghad meta l-koperattiva bdiet tieqaf topera hija applikat biex tidhol co-ordinator mal-Eden Foundation, u allura giet impjegata hekk ma' dik il-fondazzjoni. Imbaghad meta twaqqfet l-Inspire hija u applikat biex tkun manager, u fil-fatt inghatatilha din il-kariga mal-Inspire. Tghid li kien hemm numru konsiderevoli ta' nies li kienu jahdmu mal-koperattiva u imbaghad dahlu jahdmu mal-Eden Foundation. Tghid li fost dawk li kienu mal-koperattiva u li imbghad dahlu mal-Fondazzjoni kien hemm numru ta' trainers li jakkumpanjaw lil persuni b'dizabbilta fuq il-post tax-xoghol; tghid li kien hemm numru ta' persuni b'dizabbilta` li kienu mal-koperattiva, imbaghad qalbu mal-Eden Foundation u imbaghad dahlu mal-Inspire, fosthom dawk li kienu qed jahdmu mal-Middlesea Insurance u mal-Playmobil (Brandstatter). Issemmew Joseph Zarb, Josette Debarro, Vanessa Callus, Umberto Latina, Natasha Bianchi, Roderick Fenech, Noelene Zammit, Brian Gauci, Joanna Attard, Lisa Hannah, u Antoine Pace bhala li kienu impjegati mal-Middlesea Insurance. Imbaghad certa Daniela Agius li kienet tahdem mal-Playmobil, kif kienu Grace Gatt u Raymond Camilleri, ilkoll b'disabilta' intelletwali. Kien hemm ohrajn li m'ghandhomx disabbilta`, imma li ukoll minn mal-koperattiva inghataw impieg mal-Fondazzjoni. Din ix-xhud kienet taf b'dawn iz-zewg kumpanija li kienu jiehdu impjegati b'disabbilta', pero kienet semghet li anke Farsons kienet hadet xi nies b'disabbilta'. Primarjament ix-xoghol kien ikun ta' labelling, inserting u shredding. Mistoqsija mit-Tribunal jekk persuna b'disabbilta' tkun trid tahdem, min jaghzilha jekk hux il-Fondazzjoni jew il-Middlesea jew il-Playmobil, din ix-xhud spjegat li l-persuni l-ewwel jigu ghal training u ma jithallsux tieghu, imbaghad tkun il-Fopndazzjoni li tidentifika dawk il-persuni b'disabbilta' ("klienti") li jkollhom certu skills li jaghmluhielhom possibbli li jkunu jistghu jigu impjegati bi hlas ma' xi wahda minn dawn il-kumpaniji partikolari; igifieri l-impieg jinghata mill-Fondazzjoni. Il-kumpanija titlob lill-Fondazzjoni numru ta' "klienti", imbaghad sta ghall-Fondazzjoni li taghzel min ikunu l-klienti li jinghataw l-impieg.

Din ix-xhud tghid ukoll li meta l-koperattiva spiccat, il-persuni *disabled* li kellhom impieg mal-Middle Sea jew mal-Playmobil baqghu jahdmu ma' dawn il-kumpaniji, ghaliex dawn il-kumpaniji baqghu disposti li jhaddmu persuni b'disabbilta'. Tghid li dawn ma jithallsux mill-Middle Sea jew Playmobil direttament, imma mill-Eden Foundation jew mill-Inspire li minn naha taghhom jircievu kumpens m'ghand dawn iz-zewg kumpaniji.

Xhedet **Laura Mercieca** tghid li kienet dahlet tahdem mal-Eden Foundation bhala job-coach, imbaghad giet trasferita ghal mal-Eden Co-Operative Society. Tghid li hija giet assenjata mal-Playmobil u fiz-zmien li kienet ser tieqaf topera l-koperattiva, il-Playmobil kellhom bzonn 'klient' wiehed biss: hija rrakkomandat lil Claire Ebejer li jintaghzel Stefan Cauchi ghal biex ikompli bl-istess xoghol mal-Playmobil, ghax ix-xoghol kien jafu u kien ghal qalbu hafna fuq dan l-impieg. Pero` Claire Ebejer qaltilha li l-Eden Foundation ma setghetx timpjega lil Stefan Cauchi maghha ghaliex James Vassallo kien qed jippretendi li dak l-impieg jiehdu hu, u sahansitra inkariga avukat dwar dan. Ghalhekk l-impieg spicca ma inghata lil hadd minnhom.
Din ix-xhud regghet ittellghet tixhed aktar tard u regghet ikkonfermat li Claire Ebejer qaltilha li Stefan Cauchi ma setax jerga' jinghata l-impieg mal-Playmobil ghax jekk jithaddem xi hadd mal-Playmobil "specjalment lil Stefan Cauchi, jigifieri omm James Vassallo toggezzjona." Qaltilha li omm James Vassallo kienet fil-process li ttellaghhom il-Qorti.

**Claire Ebejer** kienet manager mal-Eden Foundation u sussegwentement saret Human Resources Manager ukoll. Hija kienet kontinwament tara minn mill-klienti seta' jinghata impieg mal-kumpaniji. Tghid li l-koperattiva kienet thaddem klienti placed anke ma' Farsons, il-Middle Sea Insurance u mal-Playmobil, imma l-impiegi ta' ma' Farsons ma kienux vijabbli, u meta l-koperattiva waqfet topera, l-Eden Foundation hadet biss dawk il- haddiema li setghu jahdmu mal-Middle Sea Insurance u mal-Playmobil. Tghid li meta l-koperattiva giet biex tieqaf topera, Laura kienet irrakkomandatilha biex Stefan Cauchi, li kien gia' hadem mal-Playmobil, jinzamm fl-istess impieg mal-Eden

Foundation assenjat mal-Playmobil. Pero', skond din ix-xhud, omm Stefan Cauchi oggezzjonat ghaliex kienet qed thoss li l-ambjent tax-xoghol fil-Playmobil ma kienx ta' protezzjoni sufficjenti ghal binha. B'hekk l-impieg ta' Stefan gie terminat. Tghid li James Vassallo ma setax jahdem mal-Middle Sea Insurance (li kellha bzonn xi 12-il 'klient'), ghax ix-xoghol ta' *sorting* kien jehtieg li wiehed ikun jaf jaqra, u James Vassallo ma kienx jaqra. Il-Playmobil riedet xi 3 haddiema biss, pero' riedet li dawn itellghu ammont ta' produzzjoni, u skond din ix-xhud James Vassallo kien ser isibha difficli jlehhaq mal-produzzjoni mixtieqa.

**Josephine Cauchi** xhedet li hija tigi omm l-imsemmi Stefan Cauchi. Din tghid li binha kien gie impjegat mill-Eden Foundation u imbaghad mill-Eden Co-Operative Society, u gieli kien jahdem mal-Middle Sea Insurance u gieli kienu jibghatuh jahdem ghand il-Playmobil: kien ilu snin jahdem ghat-tnejn. Tghid li sa fejn taf hi binha waqaf mix-xoghol ghaliex il-koperattiva wahfet topera: hija tichad li hija jew xi hadd mill-familja taghha kellu oggezzjoni li Stefan Cauchi imur jahdem mal-Playmobil, u tichad li Claire Ebejer kienet offritilhom li l-Eden Foundation timpjegah halli jibqa' jahdem mal-Playmobil.

**Pauline Vassallo** xhedet li binha kien ilu mal-Eden Foundation mit-twaqqif taghha u matul 9 snin kien hadem ma' Cordina, ma' Bonnici, u ma' Cutajar tax-xorb. Tghid li binha ma jitkellimx u ma jaqrax, u ghalhekk ma setax jahdem mal-Middle-Sea Insurance. Tghid li ma tafx binha qattx hadem mal-Playmobil, pero` x-xoghol tal-Playmobil seta' jaghmlu binha.

**Nathan Farrugia** xhed fil-vesti tieghu ta' Kap Ezekuttiv u Trustee tal-Fondazzjoni Inspire. Bhal ma juri l-kuntratt esebit tal-Eden and Razzett Foundation, il-Fondazzjoni Inspire ma kinitx amalgamazzjoni tal-Eden Foundation u tar-Razzett tal-Hbiberija, imma fondazzjoni gdida, u s-servizzi li kienu jaghtu dawn iz-zewg fondazzjonijiet bdew jinghataw minn din il-fondazzjoni gdida.Jghid li formalment l-isem ta' din il-fondazzjoni gdida huwa Eden and Razzett Foundation, imma l-'brand-name' huwa Inspire. Jispjega li

peress li z-zewg fondazzjonijiet l-antiki baqghu jezistu, dawn baqghulhom id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet. Bhala ezempju jghid li jekk ir-Razzett jiret xi haga, din izommha hu u mhux tehodha l-Inspire; jghid li r-Razzett zamm il-*bank-accounts* tieghu, u jghid li jaf li l-Eden Foundation silfet xi flus lill-Inspire "biex jintuzaw bhala working capital." Jghid li dan is-self ta' flus sar b'kuntratt li gie approvat mill-Bord tal-Inspire.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dan huwa kaz ta' tkeccija mill-impieg allegata li hija ingusta u kaz ta' disriminazzjoni, dejjem fil-konfront ta' James Vassallo kif rapprezentat minn ommu Pauline Vassallo. Hareg bl-aktar mod car li James Vassallo kien impjegat mal-Eden Co-Operative Society Limited, u wara ma giex impjegat mal-Eden Foundation, u ghalhekk l-ilment tat-tkeccija ingusta seta' jigi indirizzat fil-konfront tal-Eden Co-Operative Society Limited biss. Dan it-Tribunal jara li m'ghandux ghalxiex jiddelunga biex jghid li l-provi kienu skjetti hafna fejn jidhol l-operat tal-Eden Co-Operative Society Limited: din ghamlet l-ahjar taghha biex tghin persuni b'dizabbilta biex jitharrgu halli jsibu impieg, ghamlet mill-ahjar biex dawn il-persuni isibu impieg u jibqghu jahdmu ghal tul ta' zmien, pero' il-hlasijiet relattivi kienu qed ikun ferm oghola mid-dhul, bil-konsegwenza li din is-socjeta' bdiet taghmel hafna telf. Wasal zmien li din l-entita' twaqqaf l-operat taghha. Jidher li mhux ikkontestat li sal-ahhar tas-sajf tal-2007, din l-entita' nehhiet il-haddiema kollha minn fuq il-kotba taghha, sew amministraturi, sew ghalliema kif ukoll il-persuni b'disabbilta', inkluz James Vassallo. La l-kumpanija kienet qed topera bit-telf, kienet decizjoni etikament korretta li tieqaf topera u tieqaf timpjega n-nies. Ghalhekk kull min kien impjegat mal-Eden Co-Operative Society ma kienx ser jibqaghlu ebda utilita' ma' din il-koperattiva, u ghal din ir-raguni kull min twaqqaf mill-impieg mal-koperattiva kien qed jitwaqqaf a bazi ta' redundancy. Jirrizulta li

din ir-redundancy kienet wahda genwina fil-konfront ta' kulhadd, inkluz ta' James Vassallo. Ghalhekk ma rrizultat ebda tkeccija ingusta.

L-ilment principali tar-rikorrent huwa li meta fl-1 ta' Ottubru 2007 l-Eden Foundation ittrasferiet ghal maghha dawk il-haddiema kollha li kienu mal-koperattiva u li kienu qed jaghmlu xoghol li seta' jitkompla, l-Eden Foundation ma ngaggatx lil James Vassallo. Ilment ta' dan it-tip jaqa' taht ir-Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impieg (Legislazzjoni Sussidjarja Numru 452.95) mahluqa bl-Avviz Legali 461 tal-2004 kif emendat. Regolament 1(4) jghid li dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw ghal persuni kollha fir-rigward ta' kondizzjonijiet ghal access ghal impieg [paragrafu (a)], l-ingaggar [paragrafu (c)], u permezz tar-Regolament numru 2 il-kelma "impieg" ghandha tinftihem li tinkludi "il-process ta' reklutagg".

Il-Qrati u t-Tribunali Maltin diga' kellhom okkazjonijiet jinterpretaw ir-Regolament numru 1 fis-sens li ghalkemm huma elenkati numru ta' forom ta' disriminazzjoni, l-ispiertu tal-ligi jrid li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni, ghall-ebda raguni jekk mhix raguni specifikatament permessa mill-ligi.

Dan ifisser li Regolament numru 2 li jghid li "trattament diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni, restrizzjoni jew differenza fi trattament, kemm diretti kemm indiretti, ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fir-regolament 1(3) li mhix gustifikabbli f’socjetà demokratika u tinkludi l-fastidju" u ohrajn, ghandu jigi interpretat b'mod wiesa'. Ir-rikorrenti nomine gabet provi li hafna minn dawk li kienu jahdmu mal-koperattiva assenjati ma' xi kumpanija, baqghu fl-istess impieg billi gew trasferiti ghal mal-Eden Foundation. Irrizulta li l-Eden Foundation inkarigat lil Claire Ebejer biex tara min ghandu jigi trasferit ghal mal-Eden Foundation. Inghad li meta giet biex tieqaf topera l-koperattiva, il-haddiema li kellha kienu jew trainers jew persuni b'disabbilta li kienu 'placed' jew ma' Farsons, jew mal-Middle Sea Insurnace jew mal-Brandstatter. Irrizulta li f'dan iz-zmien gie deciz li ma jibqghux jintbaghtu haddiema ma' Farsons ghax dan ma kienx vijabbli, pero` kien hemm

lok biex l-ohrajn jinzammu kollha fl-istess post li kienu. James Vassallo ma jitkellimx u ma setghax jispjega fejn kien qed jahdem fl-ahhar zminijiet tal-koperattiva, mentri ommu mhix certa fejn kien l-ahhar ghalkemm taf li kien kapaci jaghmel ix-xoghol tal-Brandstatter. Ommu kienet taf li mal-Middle Sea Insurance ma setax jahdem ghax ma kienx jaf jaqra. L-intimati donnhom ghamlu minn kollox biex ma jghidux fejn kien qed jahdem l-ahhar James Grech, u anqas ma spjegaw ghaliex ma setax ikompli fl-istess impieg li kien l-ahhar fih. Huma qatt ma allegaw li kien jahdem ma' Farsons, pero` indikaw li James ma setax jahdem mal-Middle Sea Insurance; huma ma jichdux li kien jahdem anke mal-Brandstatter, u allura dan it-Tribunal ikollu jikkonkludi li meta James Grech gie infurmat bit-terminjazzjoni tal-impieg tieghu, huwa kien *placed* mal-Brandstatter. Pero` fl-ezercizzju li ghamlet Claire Ebejer biex il-haddiema jittiehdu mill-Eden Foundation, jidher li din ma riditx tingagga lil James Vassallo u tassenjah mal-Brandstatter. F'dan iz-zmien Laura Mercieca, li kienet job-coach ghand il-Brandstatter, ghamlitha cara mal-imsemmija Claire Ebejer li da parti taghha il-vacancy li kien hemm ghand il-Brandstatter kellha tinghata lil Stefan Cauchi ghax kien aktar adattat ghalih milli ghal James Vassallo. Pero` f'dan l-istadju Claire Ebejer kienet diga' taf li omm James Vassallo kienet qed tippretendi li l-post jinghata lil binha u ghalhekk qaltilha li jekk il-post jinghata lil Stefan kien ser ikollhom l-inkwiet.

L-iktar haga stramba li ffaccja dan it-Tribunal huwa l-fatt li biex ma jinqalax dan l-inkwiet, L-Eden Foundation la impjegat lil Stefan Cauchi, li baqa' b'xejn, u l-anqas impjegat lil James Vassallo. Hadd mir-rapprezentanti tal-Eden Foundation ma spjega lil min impjegaw fil-vacancy li kien hemm mal-Brandstatter, kif anqas hadd ma spjega ghalxiex ma inghatax lil James Vassallo. Claire Ebejer tat l-ispjegazzjoni taghha ghalxiex Stefan Cauchi ma giex ingaggat biex jahdem mal-Brandstter, u cioe` ghax ma xtaqitux ommu, pero` ommu xhedet li qatt ma oggezzjonat ghal tali impieg. Allura tidher aktar veritiera l-verzjoni ta' Laura Mercieca li l-post ma inghatax li Stefan Cauchi sempliciment biex ma jkollhomx inkwiet ma' omm James Vassallo. Issa li l-impieg ma inghatax lil Stefan Cauchi, Claire Ebejer kif ma tatx spjegazzjoni

aktar solida dwar ghalxiex l-impieg ma inghatax lil James Vassallo? Hija tghid biss li d-disabbilta ta' James Vassallo u Stefan Cauchi kienet differenti u li Vassallo kien ser ibaghti fil-produzzjoni. Hawnhekk dan it-Tribunal ihoss li l-eskluzjoni ta' James Vassallo mill-impieg mal-Eden Foundation ma kinitx taghmel sens. Ir-rikorrenti donnha timplika li l-Eden Foundation ghamlet diskriminazzjoni bejn disabbilta' u disabbilta' differenti – u dan jista' jkun. Pero` li hu aktar cert hu li kien hemm opportunita' tad-deheb biex James Vassallo jigi impjegat mill-Eden Foundation u jigi *placed* mal-Brandstatter, pero` ghal ragunijiet taghha u mhux gustifikati quddiem dan it-Tribunal l-Eden Foundation dan m'ghamlitux. F'dan il-kuntest, dan it-Tribunal isib li ghandu jitqies bhala trattament diskriminatroju li numru ta' persuni b'disabbilta' li kienu qed jahdmu mal-koperattiva thallew fl-impieg u gew ingaggati mill-Eden Foundation, fil-waqt li James Vassallo ukoll kellu impieg mal-koperattiva u kien hemm vacancy biex jibqa' fl-impieg, imma l-Eden Foundation ghazlet li ma timpjegahx. It-Tribunal jinnota li dawk li gew ingaggati mill-Eden Foundation f'Ottubru 2007 kienu qed jinghataw 20 siegha xoghol fil-gimgha b'remunerazzjoni ta' Lm1.50 fis-siegha, madwar €3.49 fis-siegha.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent minn mal-Eden Co-Operative Society Limited kienet wahda genwinament bazata fuq *redundancy*, u l-istess Eden Co-Operative Society Limited, illum rapprezentata mill-istralcjarju Michael Debono, ma wettqet ebda diskriminazzjoni kontra James Vassallo; pero` jiddeciedi wkoll li l-Eden Foundation ingustament ma impjegatx lil James Vassallo bhall-haddiema l-ohra li gew ingaggati fl-1 t'Ottubru 2007, u dan bi ksur tar-Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impieg (Legislazzjoni Sussidjarja Numru 452.95) mahluqa bl-Avviz Legali 461 tal-2004 kif emendat. A tenur tar-Regolament 10(1) tal-istess Regolamenti, dan it-Tribunal hu tenut jaghti rimedju kif provdut bl-Artikolu 30 tal-Kapitolu

452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant l-intimata Eden Foundation qed tigi ordnata tikkumpensa lil Pauline Vassallo nomine l-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) fi zmien sittin jum mill-lum, pero' jekk f'dan it-terminu l-Eden Foundation jew kwalunkwe entita' ohra kkontrollata minnha tipprovdi impieg ghal JamesVassallo ghal zmien itwal minn sitt (6) xhur, allura l-kumpens dovut ghandu jkun ridott ghal elf u hames mitt Euro (€1,500), li fi kwalunkwe kaz ghandu jkun pagabbli fi zmien sittin jum mill-lum. F'kaz li James Vassallo jinstablu impieg kif inghad, il-bilanc ta' tlitt elef u hames mitt Euro (€3,500) ikun dovut lilu biss, u b'effett immedjat, jekk tali impieg jigi terminat qabel jghaddi l-perjodu ta' sitt xhur, u dan minghajr raguni valida fil-ligi.

Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman